KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/63/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 63**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 9 ta' Awissu 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch.

Il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Borg Myatt u l-kunsillier Ferris kienu skuzati. Il-membri tal-kunsill accettaw li dawn il-Kunsilliera msemmija kienu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 62**

1.1 - Is-Segretarju qal li dawn il-Minuti ser jigu approvati fl-laqgha ohra minhabba li bi zvista ma gewx iccirkolati qabel.

2) **Korrispondenza**

2.1 – **Memo 65/2011 – Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012** – Il-Kunsillier Dalli qal li ghandna napplikaw ghaz-zewg attivitajiet tal-Ghaqda Muzikali Kristu Sultan Banda Paola u tas-Socjeta' Filarmonika Fra Antoine De Paule Banda Paola u ghandna naghtuhom flus kemm jaghtina d-Dipartiment. Is-Segretarju qal li din l-applikazzjoni ghandha tasal d-Dipartiment tal-Gvern Lokali sal-31 t'Awissu 2011.

2.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li nibghatu ghaz-zewg ghaqdiet imsemmija, issir laqgha maghhom nhar il-Hamis filghodu u nitkellmu dwar dawn l-attivitajiet.

2.3 – **Rapport *Playground mill-MCCAA*** – Is-Segretarju qal li wasal ir-rapport tal-bandli ta' Gnien Wied Blandun li qieghed fi stat perikoluz. Wara diskussjoni, gie deciz li l-Kunsill japplika ghall-fondi biex l-bandli jigi rrangat.

2.4 – Il-Kunsillier Dalli staqsa ghaliex il-kuntrattur ma bediex ix-xoghol fil-bandli ta' Triq San Alwigi.

2.5 – Il-Kunsillier Dalli ressaq Mozzjoni:

*"Biex minnufih jitrangaw il-bandli ta' Triq San Alwigi u napplikaw mad-Dipartiment biex isir il-bandli ta' Gnien Wied Blandun".*

Il-mozzjoni ghaddiet nem.com.

## 3) **Ilmenti**

3.1 - Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar il-fatt kif meta hu jaghmel ilment, dan idum xahrejn biex isir u ghalhekk qal li jixtieq li jitkellem fuq dan is-suggett fl-laqgha ohra.

3.2 – Is-Sindku ppropona li l-Kunsill iqabbad *sub-contractor* biex l-ilmenti jsiru aktar malajr. Il-membri tal-Kunsill ma approvawx.

3.3 – Il-Kunsillier Seychell staqsa dwar it-tarmac.

3.4 – Il-Kunsillier Seychell qal li rcieva diversi lmenti ghalfejn il-*public convenience* ta' Gnien Pawlu Boffa qed tkun maghluqa bejn is-2.00pm u 6.00pm. Wara diskussjoni, sar qbil li nkellmu lil kuntrattur u l-*attendent* dwar dan.

## 4) **Green MT**

4.1 – Is-Segretarju qal li l-Avukat tal-Kunsill ser jaghmel ittra legalizzata lil Green MT biex jirregolizzaw ruhhom fi zmien 15-il gurnata u jekk dan ma jsehhx, jigi tterminat il-Kuntratt.

4.2 – Is-Segretarju qal ukoll li kellu laqgha mal-kumpanija Green Pak. Hu kompla jghid li l-Green Pak qalu li ser iqassmu *recycling bags* lil kull dar kull 6 xhur bil-kundizzjoni li jkun hemm aktar tunnellati ta' riciklagg.

4.3 – Is-Segretarju qal li bhala target date, il-Kunsill ser jibda mal-Green Pak fl-1 ta' Ottubru 2011.

## 5) **Sorveljanza Gnien Pawlu Boffa**

5.1 – Is-Sindku qal li l-gwardjani lokali qed ikunu kuljum fi Gnien pawlu Boffa biex issir sorveljanza.

5.2 – Wara diskussjoni, sar qbil li l-Kunsill ikellem lill-pulizija.

## 6) **Pagamenti**

6.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

6.2 – **Re Cekk Nru 3822** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa taz-zebgha tat-toroq.

6.3 - **Re Cekk Nru 3828** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa tat-tnehhija tal-bus shelter minn quddiem il-Knisja ta' Kristu Re. Il-Kunsillier Lynch staqsa wkoll x'sar mill-bus shelter u jekk regax wehel x'imkien iehor u s-Sindku qal li dan intrema'. Il-Kunsillier Lynch xtaq ikun jaf ghaliex intrema' meta dan kien ghadu tajjeb.

Il-Kunsillier Seychell ppropona li tinxtara xirja ta' €300.00 ghal uzu tal-ufficcju. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

Saret diskussjoni dwar il-hinijet tal-haddiema. Is-Sindku qal li ser ikellem lill-haddiema dwar dan.

Is-Sindku ssuggerixxa li jsiru 6 bankijiet ta' l-injam godda quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan u li ghandhom jingiebu l-istimi.

7) **Aggornament**

7.1 – Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.15pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 13 Sept 11

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku